# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 65/2021 ISB**

**Joseph J. Xuereb (108728(M)), Alex Xuereb (124354(M)), George V. Xuereb (587944(M)), Elvira Mallia (0265460(M)), Christopher Xuereb (detentur tal-karta tal-identita` maħruġa f'Hong Kong numru K744787(6)), Charmaine Xuereb (0202764(M)) u**

**Jacqueline Busuttil Xuereb (0385869(M)), Neville Xuereb (663157(M)), Nicolette Xuereb (402766(M)), Nathalie Fenech (275855(M)), Sylvana Spiteri (9362(M)), Nadya Vella (787458(M))**

**VS**

**1. Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**2. Michael Paris fil-kwalitá tiegħu bħala stralċjarju tal-kumpannija S.C. Xuereb Limited (C569)**

## Il-Qorti,

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Joseph J Xuereb et**, intavolat fl-20 ta' Awwissu 2021, kif sostitwit bir-rikors intavolat fid-29 ta' Ottubru 2021 (fol 5) li permezz tiegħu huma talbu lil-Qorti sabiex:-

> *i. Tordna l-isem tal-kumpannija S.C. Xuereb Limited (C569) jerga` jitqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji*
>
> *ii. Tordna r-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni tas-socjeta` S.C. Xuereb Limited billi jigi nkluz fl-istess skema il-proprjeta` deskritta f`dan ir-rikors ossija (i) l-arja sovrastanti l-istore immarkat bl-ittra 'C' fid-Dokument 'B' anness mal-att ta' kompravendita` datat 16 ta' Dicembru, 1992 in atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja b'access minn Triq Gdida fi Triq is-Serkin, Marsa kif hemmhekk ahjar deskritt u wkoll*
>
> *(ii) l-arja sovrastanti l-istore immarkat bl-ittra 'D' fid-Dokument 'B' anness mal-att ta' kompravendita` datat 16 ta' Dicembru, 1992 in atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja b'access minn Triq Gdida fi Triq is-Serkin, Marsa kif hemmhekk ukoll ahjar deskritt;*
>
> *iii. Tordna lill-istralcjarju intimat sabiex ihejji skema ta` distribuzzjoni rettifikata li tinkludi l-imsemmija proprjeta` ossija:*
>
> *(i) l-arja sovrastanti l-istore immarkat bl-ittra 'C' fid-Dokument 'B' anness mal-att ta' kompravendita` datat 16 ta' Dicembru, 1992 in atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja b'access minn Triq Gdida fi Triq is-Serkin, Marsa kif hemmhekk ahjar deskritt u wkoll*
>
> *(ii) l-arja sovrastanti l-istore immarkat bl-ittra 'D' fid-Dokument 'B' anness mal-att ta' kompravendita` datat 16 ta' Dicembru, 1992 in atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja b'access minn Triq Gdida fi Triq is-Serkin, Marsa kif hemmhekk ukoll ahjar deskritt;*
>
> *u li tali proprjeta` tigi assenjati lir-rikorrenti skont l-ishma tal-azzjonijiet rispettivi taghhom jew tal-awturi taghhom u cioe` ` in kwantu ghal kwart (1/4) indiviz a favur tar-rikorrenti Joseph X.*

*Xuereb, in kwantu ghal kwart (1/4) indiviz iehor ghar-rikorrenti George Xuereb, in kwantu ghal parti indiviza minn sittax (1/16) a favur tar-rikorrenti Elvira Mallia, parti ohra indiviza minn sittax (1/16) favur ir-rikorrenti Christopher Xuereb, parti ohra indiviza minn sittax (1/16) favur ir-rikorrenti Charmaine Xuereb u parti ohra indiviza minn sittax (1/16) favur ir-rikorrenti Jacqueline Busuttil Xuereb u wkoll parti ohra indiviza minn erba'u ghoxrin (1/24) favur ir-rikorrenti Alex Xuereb, parti ohra indiviza minn erba'u ghoxrin (1/24) favur ir-rikorrenti Neville Xuereb, parti ohra indiviz minn erba'u ghoxrin (1/24) favur ir-rikorrenti Nicolette Xuereb, parti ohra indiviza minn erba'u ghoxrin (1/24) favur l-esponenti Natalie Fenech u parti wahda minn erba'u ghoxrin (1/24) favur l-esponenti Sylvana Spiteri u parti wahda minn erba'u ghoxrin (1/24) favur l-esponenti Nadya Vella; u*

*iv. Tappunta mill-gdid lill-kjamat fil-kawza Michael Paris bhala stralcarju sabiex jiehu hsieb ir-rettifika tal-iskema ta'distribuzzjoni kif inghad*

*v. Tappunta Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att li permezz tieghu jigi trasferit mill-kumpannija S.C. Xuereb Limited favur ir-rikorrenti fl-ishma rispettivi taghhom l-imsemmija proprjeta` ossija:*

*(i) l-arja sovrastanti l-istore immarkat bl-ittra 'C' fid-Dokument 'B' anness mal-att ta' kompravendita` datat 16 ta' Dicembru, 1992 in atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja b'access minn Triq Gdida fi Triq is-Serkin, Marsa kif hemmhekk ahjar deskritt u wkoll*
*(ii) l-arja sovrastanti l-istore immarkat bl-ittra 'D' fid-Dokument 'B' anness mal-att ta' kompravendita` datat 16 ta' Dicembru, 1992 in atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja b'access minn Triq Gdida fi Triq is-Serkin, Marsa kif hemmhekk ukoll ahjar deskritt.*

U dan wara li ppermettew:

1. *Illi s-socjeta` S. C. Xuereb Limited giet inkorporata f'Malta fit-tletin (30) ta' Gunju, elf disa'mija u sitta u sittin (1966) mar-Registratur tal-Kumpaniji, bin-numru C569 u li kellha l-ufficcju rregistrat 48, 'Ciel de Bleu', Anton Schembri Street, Kappara, San Gwann SGN4322;*

2. *llli r-rikorrenti Joseph J. Xuereb (108728(M)), Alex Xuereb (124354(M)), George V. Xuereb (587944(M)), Neville Xuereb (663157(M)), Nicolette Xuereb (402766(M)) Nathalie Fenech*

*(275855(M)), Sylvana Spiteri (9362(M)) u Nadya Vella (787458(M)) u John Xuereb (804832 (M)) kienu l-unici azzjonisti ta` din is-socjeta`.*

3. *Illi, fil-frattemp l-imsemmi John Xuereb gie nieqes u wirtuh f'ishma indaqs bejniethom ir-rikorrenti Elvira Mallia, Christopher Xuereb, Charmaine Xuereb, Jacqueline Busuttil Xuereb (dana skont id-dikjarazzjoni notarili hawn annessa u mmarkata Dok. 'A').*

4. *Bi thejjija tal-process tal-likwidazzjoni u a tenur tal-art. 274(2) tal-**Att dwar il-Kumpanniji** l-azzjonisti approvaw ir-rendikont verifikat minn awditur u wkoll l-iskema ta' distribuzzjoni fid-19 t'Ottubru, 2017 u kwindi permezz ta' ittra datata dsatax (19) t'Ottubru, elfejn u sbatax (2017) (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. 'B') l-istralcarju Michael Paris talab lir-Registratur sabiex dan tal-ahhar ihassar l-isem tal-istess socjeta` minn fuq ir-Registru tieghu.*

5. *Illi b' effett mis-sebgha (7) ta' Frar, elfejn u tmintax (2018), l-imsemmija socjeta` giet imhassra mir-Registratur tal-Kumpaniji (ara estratt mill-website tal-Malta Business Registry hawn anness u mmarkat Dokument 'C') u dan wara li tlesta l-process ta` stralc skont id-dispozizzjonijiet applikabbli ghal stralc volontarju tal-membri, skont l-**Att dwar il-Kumpaniji** u wara rizoluzzjoni tal-azzjonisti imsemmija;*

6. *Illi kif jirrizulta mill-iskema ta' distribuzzjoni relattiva ghal tali socjeta f'dak l-istadju skont l-informazzjoni disponibbli din is-socjeta` ma kellhiex assi x'tiddistribwixxi u kwindi l-istess socjeta` giet likwidata skont tali skema hekk approvata mill-azzjonisti.*

7. *Illi effettivament permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Dicembru, 1992 in atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja, is-socjeta` S.C.Xuereb Limited trasferiet a favur tas-socjeta` J.J.S Developers Limited is-segwenti proprjeta` immobbli kif dettaljat fl-istess kuntratt u kif muri fuq il-pjanta annessa mal-istess kuntratt bhala Dokument 'B' sottoskritt mir-rapprezentanti tal-kontraenti ossija (kopja hawn ukoll annessa u mmarkata Dok. 'D'):*

   i) *L-arja immarkata 'KNPR', ta' 2158 metri kwadri, sovrastanti 21 stalla ezistenti, bil-btiehi relattivi, tarag u kuritur komuni. L-istalel ezistenti kienu dawk numerati 23 sa 45 (it-tnejn*

*inkluzi), eskluza l-istalla numerata 40 li l-arja taghha ma gietx hekk trasferita.*

*L-arja 'KNPR' illum tinsab accessibbli mit-Triq Gdida li tinsab fi Triq is-Serkin, Marsa tramite r-rampa proposta u mmarkata bl-ittra 'C' fl-istess Dokument 'B' anness mal-kuntratt surreferit ta' kompravendita`.*

*ii) Store immarkat ukoll bl-ittra 'C' ta' circa 236 metri kwadri, li s-socjeta` akkwirenti kkonvertiet ghar-rampa proposta kif muri wkoll fl-istess Dokument 'B' anness mal-att ta' kompravendita`.*

*iii) Store immarkata bl-ittra 'D' fuq l-istess Dokument 'B' anness mal-att ta' kompravendita` ta' circa 135 metri kwadri.*

*iv) Porzjon art immarkata fuq l-istess Dokument 'B' anness mal-att ta' kompravendita` bl-ittri 'JKLM', ta' 2345 metri kwadri u li tinkludi iz-zewg stores surreferiti.*

*U liema ambjenti ghadhom sal-lum il-gurnata lkoll accessibbli minn Triq Gdida fi Triq is-Serkin, Marsa liema Triq Gdida ghadha sal-lum il-gurnata triq proposta.*

8. *Illi, konsegwentement ghas-surreferit, jirrizulta car li, b'differenza mill-bqija tal-ambjenti, l-arja sovrastanti l-istores imsemmija u rispettivament immarkati bl-ittri 'C' u 'D' fid-Dokument 'B' anness mal-att ta' kompravendita` ma gewx trasferiti lis-socjeta` akkwirenti J.J.S. Developers Limited u kwindi baqghu proprjeta` tas-socjeta` S.C.Xuereb Limited.*

9. *Illi ricentement irrizulta li bi zvista, tali socjeta` S.C. Xuereb Limited giet straljcjata, minghajr ma ttiehdet konjizzjoni tas-surreferit u kwindi tas-segwenti assi tal-kumpannija u cioe` (i) l-arja sovrastanti l-istore immarkat bl-ittra 'C' fid-Dokument 'B' anness mal-att ta' kompravendita` datat 16 ta' Dicembru, 1992 in atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja b'access minn Triq Gdida fi Triq is-Serkin, Marsa kif hemmhekk ahjar deskritt u wkoll (ii) l-arja sovrastanti l-istore immarkat bl-ittra 'D' fid-Dokument 'B' anness mal-att ta' kompravendita` datat 16 ta' Dicembru, 1992 in atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja b'access minn Triq Gdida fi Triq is-Serkin, Marsa kif hemmhekk ukoll ahjar deskritt.*

10. *Illi l-Artikolu 300A tal-Kap. 386 (**Att Dwar il-Kumpaniji**) tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi testwalment li :*

> *"Meta fil-kors tal-istralc ta` kumpanija l-istralcjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija, u l-isem tal-kumpanija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull persuna interessata tista` b`rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni, u l-Qorti tista`, meta jidhrilha xieraq, tordna dik ir-rettifika taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa tordna dik ir-rettifika taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa."*

*11. Illi r-rikorrenti ghandhom interess illi l-iskema ta` distribuzzjoni tal-imsemmija socjeta` tigi rrettifikata ai termini tal-Artikolu 300A tal-**Att Dwar il-Kumpaniji** u dan sabiex id-drittijiet kollha li kellha din il-kumpanija fuq l-imsemmija Proprjeta` jkunu jistghu jigu nkluzi fl-iskema ta`distribuzzjoni u sussegwentement tigi mqassma skont il-ligi, u vestiti fir-rikorrenti skont l-ishma tal-azzjonijiet rispettivi taghhom jew tal-awturi taghhom u cioe` in kwantu ghal kwart (1/4) indiviz a favur tar-rikorrenti Joseph X. Xuereb, in kwantu ghal kwart (1/4) indiviz iehor ghar-rikorrenti George Xuereb, in kwantu ghal parti indiviza minn sittax (1/16) a favur tar-rikorrenti Elvira Mallia, parti ohra indiviza minn sittax (1/16) favur ir-rikorrenti Christopher Xuereb, parti ohra indiviza minn sittax (1/16) favur ir-rikorrenti Charmaine Xuereb u parti ohra indiviza minn sittax (1/16) favur ir-rikorrenti Jacqueline Busuttil Xuereb u wkoll parti ohra indiviza minn erba'u ghoxrin (1/24) favur ir-rikorrenti Alex Xuereb, parti ohra indiviza minn erba'u ghoxrin (1/24) favur ir-rikorrenti Neville Xuereb, parti ohra indiviz minn erba'u ghoxrin (1/24) favur ir-rikorrenti Nicolette Xuereb, parti ohra indiviza minn erba'u ghoxrin (1/24) favur l-esponenti Natalie Fenech u parti wahda minn erba'u ghoxrin (1/24) favur l-esponenti Sylvana Spiteri u parti wahda minn erba'u ghoxrin (1/24) favur l-esponenti Nadya Vella kif kien originarjament intiz.*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** ppreżentati mar-rikors (fol 11 sa fol 14)

Rat **<u>id-digriet</u>** tagħha, tal-15 ta' Novembru 2021, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-14 ta' Frar 2022 fl-10:15a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi fis-7 ta' Frar 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **<u>ir-risposta</u>** tiegħu (fol 23) bid-dokument hemmek anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi in kwantu għall-merti fattwali ta' din il-kawża l-intimata Reġistratur tirrimetti ruħha għall-provi u għall-ġudizzju abbli ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*Illi wara illi r-Reġistratur irċieviet id-dokumentazzjoni mibgħuta lilha għax-xoljiment u għall-kanċellament tal-kumpanija S.C. Xuereb Limited (C 569), wara li kkonferma illi huma konformi mal-liġi, hija mxiet sabiex irreġistrahom skont l-Artikolu 401 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi għalhekk wara li rreġistrat id-dokumentazzjoni mibgħuta mill-istralċjarju l-esponenti pproċediet sabiex fis-7 ta' Novembru 2017, tippublika l-avviż illi l-kanċellament tal-kumpanija kellu jiġi fis-seħħ f'għeluq it-tliet xhur mid-data tal-publikazzjoni tal-avviż imsemmi;*

*Illi minkejja tali publikazzjoni, ħadd ma għamel xi tip ta' oġġezzjoni għat-tħassir tal-isem tas-soċjeta' in kwistjoni minn fuq ir-Reġistru matul it-tliet xhur fuq imsemmija;*

*Illi ta' min jinnota, illi l-imsemmija soċjeta' ġiet imħassra wara li ġiet xolta volontarjament fil-25 ta' Frar 2015 u kkanċellata minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fuq proċedura mibdija mill-kumpanija u l-uffiċjali tagħha stess;*

*Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qiegħdin jisħqu illi sussegwentament għall-kanċellament tal-kumpanija S.C. Xuereb Limited (C 569) irriżulta illi hemm assi tal kumpanija, speċifikament, l-arja sovrastanti tal-istores (deskritta f'paragrafu 9 tar-rikors promotur) illi ma ġewx trasferiti lis-soċjeta' akwirenti u għadhom f'isem il-kumpanija S.C. Xuereb Limited (C 569). Għaldaqstant dawn ma setgħux ġew inklużi fil-liquidation accounts*

*u kif ukoll fl-iskema ta' distribuzzjoni mħejjija mill-istralċjarju, u għalhekk ma ġietx meqjusa fil-proċedura tax-xoljiment u l-kanċellament tal-istess kumpanija;*

*Illi fil-proċeduri odjerni r-rikorrenti qiegħdin jitolbu sabiex l-istralċ jerġa jinfetaħ mill-ġdid u konsegwentement tkun tista' tiġi rettifikata l-iskema ta' distribuzzjoni tal-kumpanija billi jittieħdu in konsiderazzjoni l-assi li tħallew sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu mqassma mingħand il-kumpanija S.C. Xuereb Limited illi ġiet stralċjata, għal għand ir-rikorrenti skont l-ishma rispettivi tagħhom;*

*Illi l-Artikolu 300A tal-Att jipprovdi illi meta fil-kors tal-istralċ ta' kumpanija, l-istralċjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija u l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġistru kull persuna illi fil-fehma tal-Qorti għandha interess, tista' permezz ta' rikors titlob il-Qorti sabiex tordna r-rettifika tal-iskema ta' distrbuzzjoni taħt dawk id-direttivi u kundizzjonijiet illi jidrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi tal-każ illi jkollha quddiemha;*

*Illi f'każ ta' stralċ voluntarju, bħal ma kien dak tal-kumpanija S.C. Xuereb Limited., l-obbligi u responsabbilitajiet legali tal-istralċjarju huma iktar onorużi. Għaldaqstant l-istralċjarju irid jassigura ruħu illi l-affarijiet ġew verament iffinalizzati u li jiddetermina illi d-drittijiet u kundizzjonijiet miftehmin tal-kumpanija partikolarment fuq dawk immobbli jkunu verament għaddew, qabel ma jgħaddi għas-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni finali;*

*Illi l-esponenti, bla preġudizzju għas-suespost, tħoss illi kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti dan r-rimedju eċċezzjonali, għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar l-iskop u l-perjodu*

*kif ukoll jingħataw dawk id-direttivi u kundizzjonijiet kollha li hemm bżonn f' dan il-każ sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bżonn;*

*Illi l-intimata Reġistratur m'għandhiex tinżamm responsabbli għall-ebda spejjeż ġudizzjarji konnessi ma' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' April 2022, deher l-Avukat Philip Magri għar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' April 2022, id-difensur tar-rikorrenti ppreżenta nota (fol 38) b'affidavit tar-rikorrent Joseph J. Xuereb b'dokument anness (fol 39 sa 40).

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2022, il-Qorti innotat illi l-intimat Michael Paris la deher u lanqas ma ppreżenta risposta wara li kien debitament notifikat bil-proċeduri odjerni u għalhekk tqis lill-istess Michael Paris fi stat ta' kontumaċja.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru 2022, xehed il-likwidatur **Michael Paris** u ppreżenta żewġ dokumenti (Dok MP1 u Dok MP2, fol 47 sa fol 57).

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2023, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu u illi l-kawża setgħet titħalla għad-deċiżjoni u għalhekk il-kawża ġiet differita għall-udjenza ta' llum għall-provvediment finali.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-artiklu **300A tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** u li permezz tagħha, ir-rikorrenti, li huma lkoll azzjonisti, sostnew illi s-soċjeta' **S.C. Xuereb Limited** ġiet inkorporata f'Malta fit-30 ta' Ġunju 1966 bin-numru ta' reġistrazzjoni **C-569**.

Jispjegaw li bi tħejjija tal-proċess ta' likwidazzjoni ai termini tal-artikolu 274(2) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, approvaw ir-rendikont verifikat minn awditur u wkoll l-iskema ta' distribuzzjoni fid-19 ta' Ottubru 2017 u

permezz ta' ittra bl-istess data, l-awditur Michael Paris talab lir-Reġistratur sabiex iħassar l-isem tal-istess soċjeta' minn fuq ir-Reġistru, u konsegwentament fis-7 ta' Frar 2018, l-imsemmija soċjeta' ġiet imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Jikkontendu li kif jirriżulta mill-iskema ta' distribuzzjoni f'dak l-istadju skont l-informazzjoni disponibbli, din is-soċjeta' ma kellhiex assi x'tiddistribwixxi u għalhekk ġiet likwidata skont tali skema hekk approvata mill-azzjonisti.

Jispjegaw li permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Diċembru 1992 fl-atti tan-Nutar Dr Mario Bugeja, is-soċjeta' S.C. Xuereb Limited trasferiet a favur tas-soċjeta' J.J.S Developers Limited numru ta' propjetajiet iżda ma ttrasferietx l-arja sovrastanti l-propjetajiet deskritti bħala:

a. Store immarkat ukoll bl-ittra 'C' ta' ċirka mitejn u sitta u tletin (236) metru kwadri, li s-soċjeta' akkwisrenti kkonvertiet għar-rampa proposta kif muri fid-Dokument 'B' anness mal-art ta' kompravenditá, u
b. Store immarkat bl-ittra 'D' fuq l-istess Dokument 'B' anness mal-att ta' komprovenditá ta' ċirka mija u ħamsa u tletin (135) metri kwadri

U ghalhekk jikkontendu li għandhom interess illi l-iskema ta' distribuzzjoni tal-imsemmija soċjeta' tiġi rrettifikata ai termini tal-Artikolu 300A tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sabiex id-drittijiet kollha li kellha s-soċjeta' S.C. Xuereb Limited jiġu nklużi fl-iskema ta' distribuzzjoni u tiġi mqassma skont il-liġi u vestiti fir-rikorrenti skont l-ishma tal-azzjonijiet rispettivi tagħhom.

Fl-affidavit tiegħu **Joseph J. Scuereb (sive Xuereb)** jgħid illi hu kien jokkupa l-kariga ta' direttur fi ħdan is-soċjeta' S.C. Xuereb Limited sa minn meta l-kumpanija ġiet inkorporata fit-30 ta' Ġunju 1996 sa meta ġiet likwidata fis-7 ta' Frar 2018.

Jispjega li s-soċjeta' kienet akkwistat b'titolu onerus mill-poter tas-soċjeta' Tal-Bajjada Company Limited art b'kuntratt tal-4 ta' Novembru 1972 fl-atti tan-Nutar Dr Alexander Sceberras Trigona, liema art ma kellha ebda struttura fuqha.

Jgħid li sussegwentament inbdew fuqha żewġ imħażen immarkati 'C' u 'D'. Jispjega li maħżen 'D' kien jintuża għall-ħażna tas-siment u l-maħżen 'C' kien jintuża għall-ipparkjar tal-inġenji u vetturi u mill-mekaniks biex jagħmlu manutenzzjoni fuq il-vetturi u l-inġenji kollha tas-soċjeta'. Jgħid li kienu anke jużaw il-bjut tal-istess imħażen. Jispjega li f'parti oħra mill-istess art ġew mibnija tmienja u sittin (68) stalla għaż-żwiemel.

Jispjega li permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Mario Bugeja datat 16 ta' Diċembru 1992, l-imħażen flimkien ma' tnejn u għoxrin (22) stalla ġew trasferiti lis-soċjeta' J.J.S. Developers Limited, iżda l-arja sovrastanti l-imħażen 'C' u 'D' ma ġiet qatt trasferita.

Jgħid li sforz pressjoni u stress tax-xogħol tiegħu stess, bi żvista ma ddikjarax lil min kien qed jipprepara l-likwidazzjoni tas-soċjeta' S.C. Xuereb Ltd li l-imsemmija arja kienet għadha propjeta' tal-istess soċjeta'.

Jikkontendi li x-xewqa tiegħu flimkien mar-rikorrenti l-oħra hi li l-propjeta' tiġi assenjata lir-rikorrenti f'din il-kawża skont l-ishma tal-azzjonijiet rispettivi tagħhom jew tal-awturi tagħhom.

Fix-xhieda tiegħu l-likwidatur **Michael Paris** ikkonferma li hu kien il-likwidatur inkarigat bil-likwidazzjoni tas-soċjeta' S.C. Xuereb Limited u ppreżenta numru ta' dokumenti abbinati mal-istess stralċ fosthom l-iskema ta' distribuzzjoni. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti kollha ppreżentati.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi l-intimat Reġistratur jirrimetti ruħu għall-merti fattwali u jgħid illi huwa għadda għall-kanċellament tal-kumpanija *de quo* wara li kien irċieva d-dokumentazzjoni relattiva għall-likwidazzjoni u ra li kienet konformi mal-liġi.

Jgħid illi huwa qatt ma rċieva xi forma ta' oġġezzjoni għat-tħassir tal-isem matul il-perjodu statutorju, u jsostni illi f'każ ta' stralċ volontarju, l-oneru fuq l-istralċarju sabiex jassikura illi ttieħed kont tal-assi kollha qabel ma jgħaddi għas-sottomissjoni tad-dokumenti finali huwa akbar.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi l-**Art. 300(A) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** jgħid testwalment hekk:

> *(1) Meta fil-kors tal-istralċ ta' kumpanija l-istralċjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija, u l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta jidhrilha xieraq, tordna dik*

*ir-rettifika taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*

*(2) Meta kumpanija tkun għamlet distribuzzjoni lill-azzjonisti tagħha skont skema ta' distribuzzjoni u l-isem ta' dik il-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġstru, kull kreditur li l-pretensjoni tiegħu kontra l-kumpanija ma tkunx ġiet sodisfatta jista', b'rikors, jagħmel talba għal dak li hu dovut lilu mingħand l-azzjonisti tal-kumpanija pro rata għall-ammont li jkun riċevut mill-azzjonisti mad-distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta tikkunsidra hekk xieraq, tordna li jsiru ħlasijiet mill-azzjonisti lil dak ilkreditur taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa: Iżda f'ebda każ ma għandu azzjonist ikun meħtieġ li jikkontribwixxi għal ammont li jkun iżjed minn dak riċevut minnu mad-distribuzzjoni.*

*(3) Ma jista' jsir ebda rikors taħt dan l-artikolu wara li jgħaddu ħames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpanija jkun tħassar mir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tal-Artiklu appena ċitat.

Ma hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpannija S.C. Xuereb Limited ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati mar-rikors u fil-kors ta' dawn il-proċeduri jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw. Jimmerita ghalhekk illi din il-Qorti tawtorizza r-rettifika li qed tiġi mitluba.

Kif gja kellha okkazjonijiet ohra tghid il-Qorti, fil-kaz odjern jirrizulta ghal darb'ohra illi proprjeta' immobbli ma giex dikjarata lill-likwidatur. Il-Qorti, f'dan il-kaz, ma ghandiex raguni ghalfejn tiddubita il-good faith tar-rikorrenti, b'dana kollu trid terga' ggib ghall-attenzjoni ta' kulhadd illi kieku hemm normi cari tax-xoghol tal-likwidatur, inkluz affarijiet bazici bhal ricerki fuq proprjeta' immobbli tal-kumpannija illi tkun qeghda tigi likwidata, kieku okkorrenzi bhal dawn ma jirrizultawx.

Il-Qorti thoss opportun illi terga' ttenni dan anke jekk appelli li hija diga' ghamlet fil-passat b'decizjonijiet ohra notifikati lill-awtoritajiet u entitajiet kompetenti jidher illi waqghu fuq widnejn torrox.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvediment 300A tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi ghandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif proposti fir-rikors promotur u:

1. **Fl-ewwel lok**, tilqa' l-ewwel talba u tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 300A tal-KAP 356 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' **S.C. Xuereb Limited (C 569)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha fi stadju ta' stralċ daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Registru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tas-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tilqa' r-raba' talba u tordna lill-intimat Michael Paris sabiex jerga' jassumi l-inkarigu ta' stralcarju tal-kumpannija S.C. Xuereb Limited sabiex jaghti effetti lill-partijiet ta' dan il-provvedimenti relattivi ghar-rettifika necessarja tal-iskema ta' distribuzzjoni.

4. **Fir-raba' lok,** tilqa' t-tieni u t-tielet talba u tordna, illi l-isem ta' **S.C. Xuereb Limited (C569)** jitpoġġa lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji għall-perjodu massimu ta' tmintax il-xahar mill-llum, sabiex f'dan il-perjodu, l-istralcarju u r-rikorrenti jagħmlu ir-rettifika neċessarja tal-iskema ta' distribuzzjoni relattiv għall-istralċ tal-istess kumpannija msemmija billi jittieħed kont tal-propjeta' deskritta bħala l-arja sovrastanti l-imħażen immarkati 'C' u 'D' fid-dokument B anness mal-kuntratt datat 16 ta' Diċembru 1992 fl-atti tan-Nutar Dr Mario Bugeja, sabiex tali propjeta' tiġi assenjata lir-rikorrenti skont l-ishma tal-azzjonijiet rispettivi tagħhom jew tal-awturi tagħhom, kif deskritta fir-rikors promotur u kif mitluba fit-tielet talba tal-istess rikors promotur, wara li jittieħdu dawk il-passi kollha opportuni u neċessarji f'dan ir-rigward inkluż li tgħaddi kwalunkwe riżoluzzjoni li biha tiġi approvata tali skema ta' distribuzzjoni rettifikata.

5. **Fil-hames lok**, tilqa' l-hames talba u tinnomina a spejjes tar-rikorrenti lin-Nutar Robert J. Muscat sabiex jippubblika l-att li permezz tieghu isir

it-trasferiment tal-proprjeta’ msemmija mill-kumpannija S.C. Xuereb Limited a favur ir-rikorrenti kif hawn fuq deciz.

6. **Fis-sitt lok,** tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex jieħu dawk il-miżuri kollha li jistgħu jkunu neċessarji sabiex tali rettifika tkun tista’ ssir u tingħata effett.

7. **Fis-seba’ lok**, tordna illi l-ispejjes ta’ din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista’ jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **S.C. Xuereb Limited (C 569)** fuq ir-Registru tal-kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**